# Il-pensjoni tal-età

QABEL il-waqfa għall-vaganzi tal-Milied u l-parantesi li għamilt fl-aħħar artiklu dwar ir-riforma tal-pensjonijiet, jekk tiftakru sew kont qed nitkellem dwar il-benefiċċji non-kontributorji. Infakkar li dawn huma dawk il-benefiċċji, għajnuniet u assistenzi li d-dritt għalihom mhuwiex marbut mal-ħlas tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali.

L-aħħar li ktibt dwar dan issuġġett kont ittrattajt l-għajnuna soċjali għall-qgħad. Illum se nkompli nitkellem dwar aktar benefiċċji non-kontributorji fejn se nittratta l-pensjoni tal-età.



### X'inhi l-pensjoni tal-età?

Il-pensjoni tal-età hija għajnuna fi flus li tingħata lill-kap ta' familja (bl-Ingliż 'head of household') jew lill-konjugi meta jilħqu l-età ta' 60 sena. Tista' titħallas ukoll lill-persuni jew ġenituri singli, u anke lil persuni separati. Din il-pensjoni m'għandha x'taqsam xejn mal-pensjonijiet kontributorji (eżempju taż-żewġ terzi) li ktibt dwarhom fix-xhur li għaddew.

Fil-fatt il-pensjoni tal-età normalment titħallas lil min ma jkunx ħallas biżżejjed kontribuzzjonijiet biex jikkwalifika għall-pensjoni kontributorja – dan normalment jiġri meta l-persuna tkun għamlet żmien twil fuq l-għajnuna soċjali.

Il-pensjoni tal-età tingħata b'mod speċjali lil ċittadini u residenti Maltin u Għawdxin. Madankollu f'ċerti każi din il-pensjoni tista' tingħata wkoll lil ċittadini mhux Maltin jekk ikunu residenti legalment f'Malta u jissodisfaw ċerti kriterji.

F'ċerti każi, il-pensjoni tal-età tista' titħallas ukoll lil min ikollu pensjoni kontributorja iżda r-rata ta' din tkun aktar baxxa mir-rata applikabbli tal-pensjoni tal-età. F'każ bħal dan titħallas d-differenza bejn ir-rata applikabbli ta' pensjoni tal-età u r-rata attwali ta' pensjoni kontributorja li l-persuna tkun qed titħallas.

Dan jiġri minħabba li d-dritt għal din il-pensjoni non-kontributorja jiġi ddeterminat skont test tal-mezzi.

### X'inhu t-test tal-mezzi?

Kif diġà ktibt fil-ġimgħat li għaddew meta ttrattajt l-għajnuna soċjali, dan it-test jikkonsisti f'kalkolu tal-mezzi ta' persuna (u l-konjugi jekk il-każ) li tapplika għall-pensjoni tal-età. Id-dritt għal din il-pensjoni jirriżulta jekk il-mezzi ma jkunux jaqbżu l-ammoniti stabbiliti bil-liġi. Anke fil-każ tal-pensjoni tal-età, dan it-test huwa maqsum fi tnejn:

(i) l-ewwel isir kalkolu tal-assi kapitali tal-persuna u (jekk applikabbli) tal-konjugi – biex tkun intitolata għall-pensjoni tal-età dawn ma jridux ikunu aktar minn €23,000 (miżżewġin) jew €14,000 (persuna waħedha).

Dawn jinkludu fost oħrajn (a) flus kontanti jew depożitati f'kontijiet bankarji (inkluż assi likwidi, bonds, stokks, ishma u titli oħrajn) tal-persuna u l-membri tal-familja skont il-każ, (b) proprjetà oħra minbarra dik residenzjali tal-persuna, (iii) artijiet għall-bini, raba' jew art imqabla mill-Gvern, u (iv) ittieni karozza jew aktar;

(ii) jekk il-persuna tissodisfa l-ewwel parti tat-test, imbagħad isir kalkolu tad-dħul tal-persuna u (jekk applikabbli) tal-konjugi u dan jiddetermina ir-rata finali li titħallas – id-dħul tal-koppja ma jistax ikun aktar mir-rata applikabbli ta' pensjoni tal-età mħallsa.

Dawn jinkludu fost oħrajn dħul minn imgħaxijiet jew dividendi, kirjiet, dħul minn bejgħ ta' proprjetà jew oġġetti oħrajn, dħul minn art imqabla mill-Gvern, dħul minn bejgħ ta' prodotti agrikoli u f'każ ta' persuna separata, manteniment riċevut mill-applikanti.

### Kif issir l-evalwazzjoni tad-dritt?

Meta persuna tapplika għall-pensjoni tal-età ssir investigazzjoni u evalwazzjoni bir-reqqa tal-assi kapitali u d-dħul tal-persuna (u l-konjugi jekk il-każ) skont il-kriterji msemmijin fuq. L-istess bħalma ktibt fil-ġimgħat li għaddew meta ttrattajt l-għajnuna soċjali, meta l-persuna tapplika għall-pensjoni tal-età huwa importanti ħafna li tagħmel dikjarazzjoni korretta tal-assi u d-dħul kollu tagħha u tal-konjugi jekk il-każ.

Infakkar li d-Dipartiment għandu l-poter li tagħtih il-liġi li jinvestiga d-dikjarazzjonijiet li jagħmel l-applikant billi jikseb informazzjoni minn sorsi oħrajn biex jiżgura li d-dikjarazzjoni mogħtija tkun korretta. Għalhekk hu fl-interess tal-applikant li jagħmel dikjarazzjoni korretta biex ma jkunx hemm problemi għall-istess applikant.

### Kif issir it-talba?

Biex wieħed japplika għall-pensjoni tal-età irid imur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali f'Malta u Għawdex u jagħmel talba bil-ġurament għand il-Maniġer Distrettwali jew persuna ddelegata b'din il-kariga. Normalment mal-applikazzjoni tintalab l-informazzjoni u d-dokumenti li ġejjin:

- kartà tal-identità tal-applikant u l-konjugi (skont il-każ)
- ktieb tal-kera
- kotba tal-bank tal-applikant u l-konjugi (skont il-każ)
- stima uffiċjali tal-valur ta' proprjetà tal-applikant u l-konjugi (skont il-każ) – dawn ma jinkludux id-dar residenzjali, villeġġjatura jew garaxx għall-użu personali
- stima uffiċjali tal-valur ta' kull karozza li l-applikant ikollu (minbarra waħda tiegħu u waħda tal-konjugi jekk il-każ)
- id-dokument ta' reġistrazzjoni tal-bdiewa (jekk il-każ)
- f'każ ta' separazzjoni, dokumenti legali li juru fiex wasal il-każ fil-qrati.

F'każi ta' separazzjoni huwa importanti li l-persuna li tapplika għall-pensjoni tal-età tfittex lill-konjugi għall-manteniment. Għal dan il-għan ikunu jridu jiġu pprezentati dokumenti legali li juru li dan qed isir. Mingħajr dawn il-passi u dokumenti, l-applikazzjoni għall-pensjoni tal-età ma tkunx tista' timxi 'l quddiem.

### Tibdil fiċ-ċirkostanzi

Fiż-żmien li persuna tkun qiegħda tirċievi l-pensjoni tal-età, u dan japplika wkoll fil-każ tal-għajnuna soċjali, il-benefiċjarju għandu l-obbligu li jinforma lid-dipartiment b'kull tibdil fiċ-ċirkostanzi tiegħu u tal-kon-

**■ Issa ngħaddi għal mistoqsija li rċevejt mingħandkom il-qarrejja. Albert Magno Mallia mill-Ħamrun, staqsa: "Kif tinħadem il-pensjoni tar-romol ta' dawk in-nisa li żwieġhom kienu jaħdmu mal-Gvern u għandhom pensjoni tas-servizz minbarra tas-sigurtà soċjali? Il-miżuri tal-Baġits tal-2008, 2009 u 2011, li bihom €866 qegħdin jiġu injorati mill-ammont ta' pensjoni tas-servizz li jitnaqqas mill-pensjoni tas-sigurtà soċjali, kif jaffettwahom?"**

**Nirringrazzja lis-Sur Mallia għall-mistoqsija tiegħu. Meta fl-artiklu tiegħi tal-15 ta' Ġunju, 2010 kont ittrattajt il-pensjoni tas-servizz, kont tajt numru ta' eżempji kif din taffettwa l-pensjoni tas-sigurtà soċjali. Fil-qosor, għal xi ħadd li għandu pensjoni tas-servizz, il-pensjoni tas-sigurtà soċjali tiegħu titnaqqaslu bl-ammont oriġinali tal-pensjoni tas-servizz meta ħadha l-ewwel darba (skont il-miżura tal-Baġit tal-1997) u minn dan l-ammont tal-pensjoni tas-servizz oriġinali jitnaqqsu t-€866 li semma l-qarrej tagħna.**

**Issa meta tinħadem il-pensjoni tar-romol, li jiġri huwa li, la l-armla ma jkollhiex dritt għall-pensjoni tas-servizz ta' żewġha, il-pensjoni tas-sigurtà soċjali tagħha tkun ibbażata fuq il-pensjoni tas-sigurtà soċjali sħiħa li kien jieħu żewġha kieku ma kellux pensjoni tas-servizz. Fil-fatt l-armla f'dan il-każ tirċievi ħamsa minn sitta (5/6) tal-pensjoni sħiħa tas-sigurtà soċjali li kieku kien jieħu żewġha. Għalhekk ukoll, il-miżuri msemmijin mill-qarrej tagħna ma jkunux japplikaw għall-armla minħabba li fir-realtà din ma jkollhiex pensjoni tas-servizz iżda biss pensjoni tas-sigurtà soċjali.**

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

**Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont,**
**A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000**

*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fl-indirizz* **ittri@unionprint.com.mt**. *Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġenerali, mhux każi privati jew personali.*

*IMPORTANTI: L-informazzjoni li qed tingħata f'din ir-rubrika mhijiex intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan ta' din ir-rubrika huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt tagħna www.msp.gov.mt, tibgħat imejl fuq social.security@gov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tagħna f'Malta u Għawdex jew inkella iċċempel fuq in-numru 159.*

16.17orTue.indd 2 1/10/11 7:58:25 PM



**MARK MUSÙ**
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

jugi (jekk il-każ) li jistgħu jaffettwaw id-dritt għall-pensjoni tal-età jew ir-rata mħallsa. Dawn jinkludu:

- tibdil fl-assi kapitali jew fid-dħul
- għoti ta' xi pensjoni jew benefiċċju ieħor (mhux neċessarjament tas-sigurtà soċjali inkluż minn barra minn Malta)
- bidu ta' impjieg
- dħul fi sptar
- safar
- wirt
- bidu ta' separazzjoni
- għoti ta' manteniment
- bejgħ ta' proprjetà
- bdil ta' indirizz
- mewt

**Il-ħlas tal-pensjoni tal-età u r-rati tal-ħlas**

Il-pensjoni tal-età titħallas kull erba' ġimgħat permezz ta' ċekk li jissarraf fil-banek kollha f'Malta u Għawdex. Ir-rata bażika ta' pensjoni tal-età li qiegħda titħallas fl-2011 hija ta' €96.40 fil-ġimgħa għall-persuna waħedha. Fil-każ ta' koppja li t-tnejn jikkwalifikaw għall-pensjoni tal-età ir-rata bażika hija ta' €61.50 fil-ġimgħa kull wieħed (total ta' €123.00 fil-gimgħa).

F'każ ta' koppja li wieħed jew waħda biss jikkwalifikaw (għax il-konjugi ikun għadu taħt is-60 sena) dak li jikkwalifika jista' jirċievi rata bażika ta' €78.79 fil-ġimgħa. F'każ bħal dan, il-kap tal-familja jista' jirċievi wkoll għajnuna soċjali ekwivalenti għad-differenza bejn ir-rata applikabbli ta' għajnuna soċjali ta' żewġ persuni (€100.47) u l-pensjoni tal-età li tkun qiegħda titħallas sakemm it-tieni konjugi jilħaq l-età ta' 60 sena.

Minn dawn ir-rati bażiċi imsemmijin fuq jitnaqqas id-dħul fil-ġimgħa li l-koppja jkollha u li jkun ġie stabbilit skont it-test tal-mezzi imsemmi fuq.

Mar-rati applikabbli jitħallsu wkoll bonus addizzjonali ta' €3.12 fil-ġimgħa waqt li jitħallas ukoll il-bonus ta' Ġunju u Diċembru (€135.10 kull sitt xhur). Fil-każ ta' koppja li t-tnejn jikkwalifikaw għall-pensjoni tal-età, il-bonusijiet imsemmijin jinqasmu b'mod ugwali bejniethom.